



---

*Kumitat għall-Petizzjonijiet*

---

**2017/0220(COD)**

16.5.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet

għall-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej  
(COM(2017)0482 – C8-0308/2017 – 2017/0220(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jarosław Wałęsa

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Il-proposta tal-Kummissjoni (COM(2017)482 – 2017/0220 (COD)) dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej (minn hawn 'il quddiem "IĊE") tistabbilixxi rieżami komprensiv tal-qafas legali tal-IĊE bl-għan ewlieni li l-IĊE ssir aktar aċċessibbli bħala għodda ta' parteċipazzjoni pubblika għall-involviment ċiviku fl-Unjoni. Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jappoġġja bis-sħiġ it-tentattiv tal-Kummissjoni li żżid l-għoti ta' gwida, appoġġ u attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar l-IĊE liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni sabiex tirrealizza bis-sħiġ il-potenzjal tal-IĊE fit-trawwim tad-dibattitu pubbliku u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni. B'mod partikolari, ir-Rapporteur jenfasizza l-importanza tas-seduti ta' smiġh pubbliku tal-IĊE fil-Parlament Ewropew bħala mekkaniżmu għal djalogu u skambju ta' fehmiet bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-organizzaturi tal-IĊE li jirnexxu bħala mod kif l-Unjoni tinġieb eqreb taċ-ċittadini tagħha. F'dan ir-rigward, huwa partikolarment importanti li tiġi żgurata organizzazzjoni bilanċjata u inklużiva tas-seduti ta' smiġh pubbliċi tal-IĊE. Għalhekk jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jagħmel l-almu tiegħu biex irawwem livell xieraq ta' dibattitu pubbliku dwar inizjattivi li jirnexxu, inkluża l-possibbiltà ta' dibattitu fil-plenarja dwar din l-inizjattiva, li tista' tiġi konkluża bl-adozzjoni tal-mozzjoni għal rizzoluzzjoni. Ir-rapporteur tal-Kumitat PETI jirriveva wkoll l-importanza li jiġi stabbilit mhux biss l-appoġġ onlajn għaċ-ċittadini u għall-organizzaturi tal-IĊE, iżda wkoll appoġġ offlajn, u punti ta' kuntatt fiżiku tal-IĊE għas-servizzi ta' tixrid ta' informazzjoni u servizzi ta' konsulenza għaċ-ċittadin, inkluż l-għoti ta' appoġġ fid-definizzjoni ta' bażi legali konformi għal inizjattiva skont il-liġi tal-Unjoni. Fid-dawl tal-għadd baxx ta' IĊE li rnexxew taħt ir-Regolament eżistenti, ir-rapporteur tal-Kumitat PETI jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni biex jittawwal iż-żmien ta' valutazzjoni tal-IĊE minn tlieta għal ħames xhur u jittama li s-segwitu politiku u leġiżlattiv tal-Kummissjoni tal-IĊE b'hekk isir aktar proattiv u trasparenti.

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, inter alia, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni **permezz ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Dik il-proċedura tagħti** liċ-ċittadini l-possibbiltà li **l-Kummissjoni tiġi avviċinata direttament** b'talba li fiha

*Emenda*

(1) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), **u b'mod partikolari l-Artikoli 1, 2, 9, 10 u 11 tiegħu**, jirrinforza ċ-ċittadinanza tal-Unjoni u jsaħħaħ aktar il-funzjonament demokratiku tal-Unjoni billi jipprovdi, *inter alia*, li kull ċittadin ikollu d-dritt li jipparteċipa fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. **L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej hija strument tad-demokrazija parteċipattiva li jagħti** liċ-ċittadini l-

jistednuha tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan tal-implimentazzjoni tat-Trattati ***b'mod simili għad-dritt*** mogħti lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u lill-Kunsill skont l-Artikolu 241 ***TFUE***.

possibbiltà li ***javviċinaw direttament lill-Kummissjoni*** b'talba li fiha jistednuha tippreżenta proposta għal att legali ***għdid jew għall-abrogazzjoni ta' kwalunkwe att legali eżistenti jew previst*** tal-Unjoni għall-għan tal-implimentazzjoni tat-Trattati ***lil hinn mid-dritt*** mogħti lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u lill-Kunsill skont l-Artikolu 241 ***tat-TFUE***.

### *Ġustifikazzjoni*

*L-Artikolu 296 tat-TFUE jagħti biżżejjed lok biex jiġi interpretat li reviżjoni tat-Trattati jaf tkun marbuta ma' att legali. Il-Kummissjoni tista' tibda l-proċedura ta' reviżjoni, skont l-Artikolu 48 tat-TUE. Fl-istess waqt, u filwaqt li jitqiesu s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-abrogazzjoni u r-reviżjoni jenħtieġ li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ammissibbiltà, u anki meta inizjattiva tkun relatata ma' atti legali previsti, bħal dawk li jirriżultaw minn trattati kummerċjali internazzjonali.*

## **Emenda 2**

### **Proposta għal regolament Premessa 3a (għdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) skont is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-754/1: Efler u oħrajn vs il-Kummissjoni Ewropea<sup>1a</sup> u b'mod partikolari l-paragrafi 45 u 47 tagħha, l-IĊE għandha l-għan li tippermetti liċ-ċittadini tal-Unjoni jipparteċipaw direttament fil-ħajja demokratika tal-Unjoni. Il-parteeċipazzjoni attiva tagħhom fil-proċess demokratiku tissaħħaħ aktar speċjalment permezz tal-mekkaniżmu tal-IĊE, li jippermettilhom jagħmlu mistoqsijiet lill-Kummissjoni, u li jitolbuha tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni, wara li, skont il-każ, tkun ippreżentat l-IĊE f'seduta pubblika organizzata fil-Parlament, billi tistimula dibattitu demokratiku mingħajr ma jkollhom jistennew l-adozzjoni tal-att legali qabel ma jitolbu l-emendar jew l-***

*irtirar tiegħu.*

---

<sup>1a</sup> *ECLI:EU:T:2017:323.*

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 3b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3b) skont l-istess sentenza, il-proposti tal-ICE jikkostitwixxu espressjoni tal-parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini tal-Unjoni fil-ħajja demokratika tagħha u ma jimminawx il-bilanċ istituzzjonali maħsub mit-Trattati, anke meta jkunu qegħdin jitrattaw il-proċeduri leġiżlattivi li jkunu għaddejjin.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(5) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jagħmel l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej aktar aċċessibbli, anqas **ta' piż** u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u l-partitarji, sabiex **jinkiseb il-potenzjal sħiħ tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej bħala għodda biex tħeġġeġ id-dibattitu u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell** tal-Unjoni, **u biex tqarreb l-Unjoni u ċ-ċittadini** tagħha.

(5) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jagħmel l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej aktar aċċessibbli, anqas **oneruża** u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u l-partitarji, sabiex **isaħħaħ il-prinċipju tad-demokrazija u jħeġġeġ u jagħti s-setgħa liċ-ċittadini kollha tal-Unjoni jipparteċipaw fil-funzjonament demokratiku** tal-Unjoni, **billi jqarreb lill-Unjoni lejn iċ-ċittadini** tagħha.

### Emenda 5

#### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi, ***il-proċeduri*** u l-kundizzjonijiet ***meħtieġa*** għall-inizjattiva ***Ewropej*** taċ-ċittadini ***għandhom*** ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati man-natura ta' dan l-istrument. ***Huma għandhom*** jilħqu bilanċ għaqli bejn id-drittijiet u l-obbligi.

*Emenda*

(6) Sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi, ***jenħtieġ li l-proċeduri*** u l-kundizzjonijiet ***rekwiżiti*** għall-inizjattiva taċ-ċittadini ***Ewropej*** ikunu ***trasparenti***, ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw, ***anke mill-persuni b'diżabbiltà*** u proporzjonati man-natura ta' dan l-istrument. ***Jenħtieġ li huma*** jilħqu bilanċ għaqli bejn id-drittijiet u l-obbligi ***u jiżguraw li l-Kummissjoni ssegwi kif xieraq l-inizjattivi li jirnexxu.***

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Huwa xieraq li tiġi ffixsata età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva u biex trawwem il-parteeipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni, speċjalment fost iż-żgħażaġħ Ewropej, dik l-età ***għandha*** tkun ta' 16-il sena.

*Emenda*

(7) Huwa xieraq li tiġi ffixsata età minima għall-appoġġ ta' inizjattiva taċ-ċittadini. Biex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej bħala strument ta' demokrazija parteċipattiva u biex trawwem il-parteeipazzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-Unjoni ***u l-impenn ċiviku inġenerali***, speċjalment fost iż-żgħażaġħ Ewropej, ***jenħtieġ li*** dik l-età tkun ta' 16-il sena. ***Iż-żmien deċiżiv biex tiġi ddeterminata l-abbiltà ta' persuna li tappoġġja inizjattiva huwa dak tal-espressjoni tal-appoġġ.***

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) F'konformità mal-Artikolu 11(4) tat-TUE inizjattiva li tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tas-

*Emenda*

(8) F'konformità mal-Artikolu 11(4) tat-TUE, ***l-Artikoli 24 u 298(1) tat-TFUE, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-***

setgħat tagħha, tissottometti kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet **fejn** iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati, **għandha** tittieħed minn mhux anqas minn miljun ċittadin li **huma** ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri.

**Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 41 tagħha**, inizjattiva li tistieden lill-Kummissjoni Ewropea, fil-qafas tas-setgħat tagħha, tissottometti kull proposta xierqa dwar il-kwistjonijiet **li fihom** iċ-ċittadini jikkunsidraw li jkun meħtieġ att legali tal-Unjoni għall-implimentazzjoni tat-Trattati, **jenħtieġ li** tittieħed minn mhux anqas minn miljun ċittadin li **jkunu** ċittadini ta' numru sinifikanti ta' Stati Membri.

### *Ġustifikazzjoni*

*Referenza għall-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba tipprovdli li l-azzjoni amministrattiva trid tkun imparzjali, ġusta u ttrattata fi żmien raġonevoli mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni u (Artikolu 41 § 2(c)) l-obbligu tal-amministrazzjoni li tagħti raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha.*

## **Emenda 8**

### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 9**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini tkun rappreżentattiva ta' interess tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-istrument jibqa' faċli **li** jintuża, dak in-numru **għandu** jkun stabbilit għal kwart tal-Istati Membri.

##### *Emenda*

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-inizjattiva taċ-ċittadini tkun rappreżentattiva ta' interess tal-Unjoni, filwaqt li jiġi żgurat li l-istrument jibqa' faċli **biex** jintuża, **jenħtieġ li** dak in-numru **ta' Stati Membri li minnhom iridu jkunu ġejjin iċ-ċittadini** jkun stabbilit għal kwart tal-Istati Membri **u n-numru minimu ta' firmatarji li jkunu ġejjin minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri jenħtieġ li jkun proporzjonat b'mod degressiv u jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikati b'750.**

### *Ġustifikazzjoni*

*it-test tmexxa mill-premessa 10 biex it-test jinqara aħjar.*

## Emenda 9

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Sabiex ikun żgurat li inizjattiva tkun rappreżentattiva u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet simili għaċ-ċittadini biex jappoġġjaw inizjattiva, huwa xieraq ukoll li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' firmatarji li ġejjin minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri. In-numru minimu ta' firmatarji **meħtieġ** f'kull Stat Membru **għandu** jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat **b'750**.

*Emenda*

(10) Sabiex ikun żgurat li inizjattiva tkun rappreżentattiva u biex jiġu żgurati kundizzjonijiet simili għaċ-ċittadini biex jappoġġjaw inizjattiva, huwa xieraq ukoll li jiġi stabbilit in-numru minimu ta' firmatarji li ġejjin minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri. In-numru minimu ta' firmatarji **rekwiżit** f'kull Stat Membru **jenħtieġ li jkun proporzjonali b'mod degressiv u** jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat **bin-numru totali ta' Membri tal-Parlament Ewropew fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva**.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament

#### Premessa 12a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(12a) Fid-dawl tal-attivitajiet ta' konsulenza, traduzzjoni u sensibilizzazzjoni (inkluż il-"Jum tal-IĊE") li saru mill-istituzzjonijiet konsultattivi tal-Unjoni, speċjalment il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, il-Kummissjoni se żżomm lil dawk l-istituzzjonijiet infurmati dwar inizjattivi ġodda li jiġu rreġistrati u kampanji futuri ta' sensibilizzazzjoni relatati mal-IĊE.**

#### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa essenzjali li jiġi enfasizzat li istituzzjonijiet oħrajn tal-UE qasmu l-piż fuq l-inizjattiva tagħhom stess u koprew lakuna li tħalliet mill-piż loġistiku u amministrattiv enormi li nħolog mis-sistema preċedenti. F'dak is-sens il-KESE kiseb rwol kbir li jenħtieġ li jingħata kull tifħir fil-proċess, permezz tal-prattika proprio motu tiegħu.*



## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 13

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tkun aktar aċċessibbli u biex jingħata appoġġ liċ-ċittadini u l-organizzaturi, ***il-Kummissjoni għandha*** tagħti tagħrif u għajnuna lill-organizzaturi u tagħmel disponibbli pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn dedikata biex tipprovdi forum ta' diskussjoni u ta' informazzjoni u pariri dwar l-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini. Sabiex tiġi żgurata l-prossimità lejn iċ-ċittadini, l-Istati Membri ***għandhom jistabbilixxu punt ta' kuntatt*** wieħed jew aktar fit-territorji rispettivi tagħhom biex jipprovdu ***liċ-ċittadini b'informazzjoni*** u assistenza dwar ***l-inizjattiva*** taċ-ċittadini Ewropej.

#### *Emenda*

(13) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tkun aktar aċċessibbli u biex jingħata appoġġ liċ-ċittadini u l-organizzaturi, ***jenħtieġ li l-Kummissjoni*** tagħti tagħrif u għajnuna ***bla ħlas*** lill-organizzaturi u tagħmel disponibbli pjattaforma ta' kollaborazzjoni onlajn dedikata biex tipprovdi forum ta' diskussjoni u ta' informazzjoni u pariri dwar l-inizjattiva Ewropea taċ-ċittadini, ***li sservi wkoll bħala pjattaforma għall-iskambju ta' ideat u tal-aqwa Prattiki u tippermetti liċ-ċittadini jiddiskutu l-inizjattivi taċ-ċittadini proposti u jifformulaw oħrajn ġodda***. Sabiex tiġi żgurata l-prossimità lejn iċ-ċittadini, l-Istati Membri, ***filwaqt li jibnu fuq iċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct, jenħtieġ li jistabbilixxu helpdesk tal-IĊE*** wieħed jew aktar fit-territorji rispettivi tagħhom biex jipprovdu ***għaċ-ċittadini informazzjoni*** u assistenza ***u gwida*** dwar ***it-tressiq ta' inizjattiva*** taċ-ċittadini Ewropej ***dwar kwistjonijiet tekniċi relatati mal-IĊE, inkluż dwar kif jipromwovu l-IĊE fil-livell nazzjonali u lokali. Jenħtieġ li tiġi organizzata konferenza annwali tal-IĊE fil-livell tal-UE fil-Jum tal-IĊE bil-għan li jissaħħu aktar id-djalogu u l-iskambju tal-aħjar Prattiki bejn l-organizzaturi, is-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali u l-istituzzjonijiet tal-UE u sabiex jiġi vvalutat l-istat ta' implimentazzjoni u ta' effettività tal-IĊE.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

## Emenda 12

**Proposta għal regolament  
Premessa 13a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13a) Sabiex titqajjem il-kuxjenza u jitravwem id-dibattitu fil-livell nazzjonali dwar l-inizjattivi li jkunu għaddejjin, meta jinġabru l-firem, huwa importanti li jiġu involuti kemm il-parlamenti nazzjonali kif ukoll dawk reġjonali minn kmieni u li l-uffiċċji tar-rappreżentanzi tal-Kummissjoni u tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri joffru l-faċilitajiet tagħhom għas-servizz tal-inizjattivi taċ-ċittadini. Fil-livell tal-Unjoni, ir-rwol newtrali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew jagħmlu adatt għar-rwol ta' faċilitatur u konsulent tal-istituzzjonijiet waqt l-inizjattivi taċ-ċittadini li jkunu għaddejjin.*

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament  
Premessa 15**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(15) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi u biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-firem jinġabru għal inizjattiva li ma **jikkonformax** mal-kundizzjonijiet stabbiliti mit-Trattati u dan ir-Regolament, inizjattivi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament **għandhom** jiġu reġistrati mill-Kummissjoni qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini. Il-Kummissjoni **għandha** tittratta **r-reġistrazzjoni skont il-prinċipji** ġenerali ta' amministrazzjoni tajba.

(15) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza u t-trasparenza f'relazzjoni mal-inizjattivi u biex tiġi evitata sitwazzjoni fejn il-firem jinġabru għal inizjattiva li ma **jikkonformawx** mal-kundizzjonijiet stabbiliti mit-Trattati u dan ir-Regolament, inizjattivi li jikkonformaw mal-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament **jenħtieġ li** jiġu reġistrati mill-Kummissjoni qabel ma jinġabru d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miċ-ċittadini. **Fl-eżerċizzju tad-dmirijiet multipli tagħha** **dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini**, il-Kummissjoni **jenħtieġ li tistabbilixxi unità speċjalizzata li** tittratta **l-ammissibbiltà legali tal-inizjattivi. Jenħtieġ li r-riżorsi mehntieġa jiġu żgurati sabiex titwettaq valutazzjoni oġġettiva dwar l-ammissibbiltà b'mod indipendenti minn kunsiderazzjonijiet politiċi u f'konformità**

*mal-prinċipji* ġenerali ta' amministrazzjoni tajba. ***Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku.***

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, u b'kont meħud tal-fatt li l-proċeduri u l-kundizzjonijiet ***meħtieġa*** għal inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ***għandhom*** ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati, huwa xieraq li tiġi parzjalment irreġistrata inizjattiva f'każijiet meta biss parti jew partijiet ta' inizjattiva jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament. ***L-inizjattivi għandhom ikunu*** rreġistrati parzjalment fejn parti sostanzjali mill-inizjattiva, inklużi l-għanijiet prinċipali tagħha, ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tissottometti proposta għal att legali tal-Unjoni bil-għan li timplimenta t-Trattati u r-rekwiżiti kollha l-oħra ta' reġistrazzjoni jkunu sodisfatti. ***Iċ-ċarezza*** u t-trasparenza ***għandhom*** jiġu żgurati fir-rigward ***tal-ambitu*** tar-reġistrazzjoni parzjali u l-firmatarji potenzjali ***għandhom ikunu*** infurmati dwar ***l-ambitu*** tar-reġistrazzjoni u fuq il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru biss fir-rigward ***tal-ambitu*** tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.

#### *Emenda*

(16) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, u b'kont meħud tal-fatt li ***jenħtieġ li*** l-proċeduri u l-kundizzjonijiet ***rekwiżiti*** għal inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej ikunu ċari, sempliċi, faċli biex jintużaw u proporzjonati, huwa xieraq li tiġi parzjalment irreġistrata inizjattiva f'każijiet meta biss parti jew partijiet ta' inizjattiva jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni skont dan ir-Regolament. ***Jenħtieġ li l-inizjattivi jkunu*** rreġistrati parzjalment fejn parti sostanzjali mill-inizjattiva, inklużi l-għanijiet prinċipali tagħha, ma jaqgħux manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tissottometti proposta għal att legali tal-Unjoni bil-għan li timplimenta t-Trattati u r-rekwiżiti kollha l-oħra ta' reġistrazzjoni jkunu sodisfatti. ***Jenħtieġ li iċ-ċarezza*** u t-trasparenza jiġu żgurati fir-rigward ***tal-kamp ta' applikazzjoni*** tar-reġistrazzjoni parzjali u l-firmatarji potenzjali ***jenħtieġ li jkunu*** infurmati dwar ***il-kamp ta' applikazzjoni*** tar-reġistrazzjoni u fuq il-fatt li d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru biss fir-rigward ***tal-kamp ta' applikazzjoni*** tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva. ***Jenħtieġ li l-għażla għal reġistrazzjoni parzjali ma tannullax l-obbligu tal-Kummissjoni li tiġġustifika għalkollox id-deċiżjoni tagħha billi tagħżel li tagħti raġunijiet għar-reġistrazzjoni parzjali ta' inizjattiva.***

## Emenda 15

**Proposta għal regolament  
Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) *Id-dikjarazzjonijiet* ta' appoġġ għal inizjattiva *għandhom* jinġabru *f'perjodu* ta' żmien speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li *l-inizjattivi taċ-ċittadini proposti jibqgħu* rilevanti, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni, dak *il-perjodu* ta' żmien *m'għandux ikun* itwal minn 12-il xahar mid-data *tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini proposta*.

*Emenda*

(17) *Jenħtieġ li d-dikjarazzjonijiet* ta' appoġġ għal inizjattiva jinġabru *f'perjodu* ta' żmien speċifiku. Sabiex jiġi żgurat li *inizjattiva tibqa'* rilevanti, filwaqt li jittieħed kont tal-kumplessità sabiex jinġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni, *jenħtieġ li* dak *il-perjodu* ta' żmien *ma jkunx* itwal minn 18-il xahar mid-data *tal-bidu tal-ġbir determinat mill-grupp tal-organizzaturi. Jekk l-organizzaturi jiddeċiedu li ma jużawx is-sistema ċentrali għall-ġbir onlajn tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ ipprovduta mill-Kummissjoni, jenħtieġ li l-perjodu ta' żmien jibda biss wara li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità ta' sistema alternattiva onlajn ta' ġbir skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-regolament.*

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament  
Premessa 18**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas *ta' piż* u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u ċ-ċittadini, *il-Kummissjoni għandha* tistabbilixxi u *żżomm* sistema ċentrali għall-ġbir onlajn tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ. Dik is-sistema *għandha* tkun disponibbli bla ħlas *lill-gruppi* ta' organizzaturi u *għandha* tinkludi *l-karattersitiċi* tekniċi meħtieġa li jippermettu l-ġbir onlajn inkluż hosting u software kif ukoll karatteristiċi ta' aċċessibilità *li jiżguraw* li ċ-ċittadini

*Emenda*

(18) Sabiex l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej issir aktar aċċessibbli, anqas *oneruża* u aktar faċli biex tintuża għall-organizzaturi u ċ-ċittadini, *jenħtieġ li l-Kummissjoni* tistabbilixxi u *tħaddem* sistema ċentrali għall-ġbir onlajn tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ *li tinkludi l-miżuri tekniċi u ta' sigurtà rilevanti meħtieġa għall-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li* dik is-sistema tkun *volontarja u* disponibbli bla ħlas *għall-gruppi* ta' organizzaturi u *jenħtieġ li* tinkludi *l-*

**b'diżabilità jkunu jistgħu** jipprovdu appoġġ għall-inizjattivi. Din is-sistema **għandha tkun** stabbilita u miżmuma skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46<sup>26</sup>.

**karatteristiċi** tekniċi meħtieġa li jippermettu l-ġbir onlajn inkluż hosting u software kif ukoll karatteristiċi ta' aċċessibilità. **Dan għandu jiżgura** li ċ-ċittadini **b'diżabbiltà jingħataw il-faċilità li jibdw, jipproponu jew** jipprovdu appoġġ għall-inizjattivi **fuq l-istess livell. Jenħtieġ li** din is-sistema **tiġi** stabbilita u miżmuma skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46<sup>26</sup>.

---

<sup>26</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40–51).

---

<sup>26</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017 dwar is-sigurtà tas-sistemi ta' komunikazzjoni u informazzjoni fil-Kummissjoni Ewropea (ĠU L 6, 11.1.2017, p. 40–51).

## Emenda 17

### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) **Grupp** ta' organizzaturi **għandu** jkollu l-possibbiltà li jistabbilixxi s-sistemi ta' ġbir onlajn tiegħu stess għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni u jiddeċiedi f'liema Stat Membru **għandha** tinħażen id-data miġbura għall-inizjattiva. **Il-grupp** ta' organizzaturi **għandu** juża sistema ta' ġbir onlajn individwali waħda għal kull inizjattiva. **Is-sistemi** individwali ta' ġbir onlajn **imwaqqfa** u mħaddma minn grupp ta' organizzaturi **għandu** jkollhom karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati sabiex jiżguraw li d-data tinġabar, tinħażen u tiġi trasferita b'mod sigur matul il-proċedura. Għal dak il-għan, **il-Kummissjoni għandha** tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir onlajn. Il-Kummissjoni tista' titlob il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (ENISA) li tassisti lill-

*Emenda*

(20) **Jenħtieġ li grupp** ta' organizzaturi jkollu l-possibbiltà li jistabbilixxi s-sistemi ta' ġbir onlajn tiegħu stess għall-ġbir ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ madwar l-Unjoni u jiddeċiedi f'liema Stat Membru **jenħtieġ li** tinħażen id-data miġbura għall-inizjattiva. **Jenħtieġ li l-grupp** ta' organizzaturi juża sistema ta' ġbir onlajn individwali waħda għal kull inizjattiva. **Jenħtieġ li s-sistemi** individwali ta' ġbir onlajn **stabbiliti** u mħaddma minn grupp ta' organizzaturi jkollhom karatteristiċi tekniċi u ta' sigurtà adegwati sabiex jiżguraw li d-data tinġabar, tinħażen u tiġi trasferita b'mod sigur matul il-proċedura. Għal dak il-għan, **jenħtieġ li l-Kummissjoni** tistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għas-sistemi ta' ġbir onlajn **individwali, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri**. Il-Kummissjoni tista' titlob il-parir tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà tan-Netwerks u l-

istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mas-sigurtà tan-netwerk u s-sistemi ta' informazzjoni.

Informazzjoni (ENISA) li tassisti lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki relatati mas-sigurtà tan-netwerk u s-sistemi ta' informazzjoni *u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (KEPD), li jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar ta' informazzjoni personali. Il-grupp tal-organizzaturi jista' jikkonsulta wkoll mal-ENISA u mal-KEPD jekk jagħżel li jistabbilixxi sistemi proprji ta' għbir onlajn.*

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Huwa xieraq li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-sistemi ta' għbir onlajn mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament qabel ma *jinġabru d-dikjarazzjonijiet* ta' appoġġ. *Iċ-ċertifikazzjoni* tas-sistemi ta' għbir onlajn individwali *għandha* titwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn tinħażen id-data miġbura permezz tas-sistema ta' għbir onlajn individwali. Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, l-Istati Membri *għandhom jinnominaw* l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi. L-Istati Membri *għandhom* jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

#### *Emenda*

(21) Huwa xieraq li l-Istati Membri jivverifikaw il-konformità tas-sistemi ta' għbir onlajn *stabbiliti mill-grupp ta' organizzaturi* mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament *u joħorġu dokument li jiċċertifika tali konformità* qabel ma *l-organizzaturi jibdew il-perjodu ta' 12-il xahar għall-għbir tad-dikjarazzjonijiet* ta' appoġġ. *Jenħtieġ li ċ-ċertifikazzjoni* tas-sistemi ta' għbir onlajn individwali titwettaq mill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn tinħażen id-data miġbura permezz tas-sistema ta' għbir onlajn individwali. *Dawn l-azzjonijiet jenħtieġ li jsiru bla ħlas.* Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali ta' sorveljanza taħt ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data, *jenħtieġ li* l-Istati Membri *jinnominaw mingħajr dewmien* l-awtorità nazzjonali kompetenti responsabbli għaċ-ċertifikazzjoni tas-sistemi. *Jenħtieġ li* l-Istati Membri jirrikonoxxu b'mod reċiproku ċ-ċertifikati maħruġa mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom *mingħajr ma jintroduċu kontrolli oħrajn.*

## Ġustifikazzjoni

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

### Emenda 19

#### Proposta għal regolament Premessa 22a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22a) Sabiex jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-dibattitu pubbliku dwar il-kwistjonijiet imqajma permezz tal-inizjattivi, ladarba jgħaddu l-ewwel sitt xhur tal-perjodu ta' ġbir tal-firem, jenħtieġ li l-grupp ta' organizzaturi jkollu d-dritt li jippreżenta dawn l-inizjattivi filwaqt li jitolb li tiġi organizzata seduta ta' smiġh pubbliku fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li din is-seduta ta' smiġh tiġi organizzata mill-Parlament Ewropew fi żmien tliet xhur mit-talba ppreżentata mill-grupp ta' organizzaturi.*

## Ġustifikazzjoni

*L-għan ta' din l-ewwel seduta ta' smiġh pubbliku huwa li jingħata appoġġ validu lill-grupp ta' organizzaturi biex jidded il-livell ta' għarfien fost iċ-ċittadini tal-UE dwar l-eżistenza tal-inizjattiva tagħhom u tal-għanijiet speċifiċi segwiti permezz tagħha.*

### Emenda 20

#### Proposta għal regolament Premessa 23

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(23) Sabiex jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-dibattitu pubbliku dwar il-kwistjonijiet imqajma permezz tal-inizjattivi, **fejn** inizjattiva appoġġjata mill-għadd meħtieġ ta' firmatarji u li tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament tiġi

(23) Sabiex jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-dibattitu pubbliku dwar il-kwistjonijiet imqajma permezz tal-inizjattivi, **meta** inizjattiva appoġġjata mill-għadd meħtieġ ta' firmatarji u li tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra ta' dan ir-Regolament tiġi

ppreżentata lill-Kummissjoni, **il-grupp** ta' organizzaturi **għandu jkollhom id-dritt** li **jippreżentaw** dik l-inizjattiva waqt seduta **tas-smigħ pubblika** fil-livell tal-Unjoni. **Is-seduta ta' smigħ pubblika għandha tiġi organizzata b'mod konġunt mill-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew** fi żmien tliet xhur **mis-sottomissjoni** tal-inizjattiva **u tiġi żgurata** rappreżentanza bilanċjata tal-interessi **pubbliċi** u **privati rilevanti** kif ukoll livell adegwat ta' rappreżentanza mill-Kummissjoni. Istituzzjonijiet u korpi konsultattivi tal-Unjoni oħra kif ukoll **partijiet interessati għandu** jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem fis-smigħ.

ppreżentata lill-Kummissjoni, **jenħtieġ li l-grupp** ta' organizzaturi **jkollu d-dritt** li **jippreżenta** dik l-inizjattiva waqt seduta **ta' smigħ pubbliku** fil-livell tal-Unjoni. **Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jorganizza s-seduta ta' smigħ pubbliku** fi żmien tliet xhur **mit-tressiq** tal-inizjattiva **lill-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jiżgura** rappreżentanza bilanċjata tal-interessi **tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali** u **l-esperti**, kif ukoll livell adegwat ta' rappreżentanza mill-Kummissjoni **u mill-Kunsill. Jenħtieġ li** istituzzjonijiet u korpi konsultattivi tal-Unjoni oħra, **u b'mod partikolari l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Regġuni**, kif ukoll **il-partijiet ikkonċernati interessati** jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem **fis-seduta ta' smigħ. Jenħtieġ li l-Parlament Ewropew jagħmel l-almu tiegħu biex irawwem livell xieraq ta' dibattitu pubbliku dwar inizjattivi li jirnexxu billi jagħmel dibattitu fil-plenarja wara s-seduta ta' smigħ pubbliku u billi jieħu deċiżjoni dwar il-possibbiltà li ssir votazzjoni fuq mozzjoni għal riżoluzzjoni.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Opinjoni tal-Kumitat PETI dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (PETI\_AD(2017)606197) (PE 606.197v03-00). Fil-waqt li l-Parlament imissu jagħmel ħiltu biex jippromwovi dibattitu pubbliku dwar l-inizjattivi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-Regolament, il-ħolqien ta' obbligu legali fuq il-Parlament li jsegwi rotta ta' azzjoni speċifika fir-rigward tal-IĊE kollha jista' ma jkunx adattat f'ċerti każijiet. Din l-emenda tirrifletti għalhekk in-natura fakultattiva tal-possibbiltà li jsir segwitu għall-IĊE li jirnexxu billi jiġi organizzat dibattitu fil-plenarja u tiġi adottata mozzjoni għal riżoluzzjoni, iżda ma tkunx torbot legalment lill-Parlament biex isegwi tali rotta speċifika ta' azzjoni għal kull IĊE.*

### **Emenda 21**

#### **Proposta għal regolament**

#### **Premessa 24**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) Sabiex tkun żgurata l-

PE615.473v02-00

*Emenda*

(24) Sabiex tkun żgurata l-

16/49

AD\1153281MT.docx



parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini fil-  
ħajja demokratika tal-Unjoni, il-  
Kummissjoni **għandha** teżamina inizzjattiva  
valida u twieġeb għaliha. **Il-Kummissjoni**  
**għandha** għalhekk tistabbilixxi l-  
konklużjonijiet legali u politiċi tagħha kif  
ukoll **l-azzjoni** li biħsiebha tieħu, fi żmien  
ħames xhur mill-wasla tal-inizzjattiva. **Il-**  
**Kummissjoni għandha tispjega** b'mod ċar,  
li jinftiehem u **b'mod** dettaljat **ir-raġunijiet**  
għall-azzjoni li tkun biħsiebha tieħu, u  
**għandha wkoll** tagħti r-raġunijiet tagħha  
jekk ma tkun biħsiebha tieħu l-ebda  
azzjoni.

parteċipazzjoni effettiva taċ-ċittadini fil-  
ħajja demokratika tal-Unjoni, il-  
Kummissjoni **wara s-seduta ta' smiġh**  
**pubbliku u d-dibattitu plenarju fil-**  
**Parlament Ewropew u wara djalogu**  
**xieraq mal-organizzaturi tal-IĊE, jenħtieġ**  
**li** teżamina inizzjattiva valida u twieġeb  
għaliha **fiż-żmien dovut filwaqt li jitqies li**  
**l-inizzjattivi li jirnexxu jenħtieġ li jkollhom**  
**segwitu xieraq.** Għalhekk **jenħtieġ li l-**  
**Kummissjoni** tistabbilixxi l-konklużjonijiet  
legali u politiċi tagħha kif ukoll **l-**  
**azzjonijiet leġiżlattivi jew mhux leġiżlattivi**  
li biħsiebha tieħu, fi żmien ħames xhur  
mill-wasla tal-inizzjattiva. **Jenħtieġ li l-**  
**Kummissjoni tiġġustifika adegwament**  
b'mod ċar, li jinftiehem u dettaljat **billi**  
**tissostanzja r-raġunijiet** għall-azzjoni li  
tkun biħsiebha tieħu, u **jenħtieġ ukoll li**  
tagħti r-raġunijiet tagħha **b'mod saħansitra**  
**aktar dettaljat u ċar** jekk ma tkun  
biħsiebha tieħu l-ebda azzjoni, **kemm jekk**  
**ikun rifjut parzjali kif ukoll jekk sħiħ.**  
**Fiż-żewġ każijiet jenħtieġ li tiġi**  
**organizzata seduta oħra ta' smiġh**  
**pubbliku biex jiġu diskussi l-**  
**konklużjonijiet ikkomunikati mill-**  
**Kummissjoni, taħt l-istess regola bħall-**  
**ewwel.**

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

## **Emenda 22**

### **Proposta għal regolament** **Premessa 25**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) **L-appoġġ** u l-finanzjament tal-  
inizzjattivi **għandhom ikunu** trasparenti.  
Għalhekk gruppi tal-organizzaturi  
**għandhom** jipprovdu informazzjoni  
aġġornata dwar is-sorsi ta' appoġġ u  
finanzjament għall-inizzjattivi tagħhom bejn

#### *Emenda*

(25) **Jenħtieġ li l-appoġġ** u l-  
finanzjament tal-inizzjattivi **jkunu**  
trasparenti **u responsabbli.** Għalhekk  
**jenħtieġ li** gruppi tal-organizzaturi  
jipprovdu informazzjoni aġġornata dwar is-  
sorsi ta' appoġġ u finanzjament għall-

id-data ta' reġistrazzjoni u d-data li fiha l-inizjattiva ***tiġix*** sottomessa lill-Kummissjoni. L-entitajiet, l-aktar dawk l-organizzazzjonijiet li skont it-Trattati jikkontribwixxu għat-trawwim ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni, ***għandhom ikunu*** jistgħu jippromwovu ***inizjattiva taċ-ċittadini, bil-kundizzjoni*** li dawn jagħmlu dan bi trasparenza sħiħa.

inizjattivi tagħhom bejn id-data ta' reġistrazzjoni u d-data li fiha l-inizjattiva ***tiġi*** sottomessa lill-Kummissjoni. L-entitajiet, l-aktar dawk l-organizzazzjonijiet li skont it-Trattati jikkontribwixxu għat-trawwim ta' sensibilizzazzjoni politika Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni, ***jenħtieġ li jkunu*** jistgħu jippromwovu ***u jipprovdu appoġġ u finanzjament għall-inizjattivi, dment*** li jagħmlu dan ***b'konformità mal-proċeduri u l-kundizzjonijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament u*** bi trasparenza sħiħa. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq kontrolli ta' kwalità u għal għarrieda fuq is-sorsi finanzjarji u ta' finanzjament pprovduti mill-organizzaturi tal-IĊE. Iċ-ċittadini jenħtieġ li jkunu jistgħu wkoll jagħtu l-allert f'każ ta' suspetti ta' mgħiba ħażina. Is-sorsi ta' appoġġ u finanzjament jenħtieġ ukoll li jkunu disponibbli pubblikament u aġġornati regolarment flimkien mal-bqija tal-informazzjoni dwar l-inizjattiva tal-IĊE ppubblikata onlajn.***

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

#### **Emenda 23**

##### **Proposta għal regolament Premessa 28**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(28) [Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000<sup>29</sup> japplika għall-ipproċessar ta' data personali mwettqa mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]***

***imħassar***

---

<sup>29</sup> *[Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar*

*ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1-22)].*

### *Ġustifikazzjoni*

*Immexxija għall-Premessa 28 ġdida*

## **Emenda 24**

### **Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(28a) Meta l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jinvolve l-ipproċessar ta' data personali mill-Kummissjoni jew mill-organizzaturi, dak l-ipproċessar jenħtieġ li jsir skont il-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali, b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup>, ir-Regolament (UE)2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1b</sup> u d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1c</sup>.*

---

<sup>1a</sup> *Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dak id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).*

<sup>1b</sup> *Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).*

<sup>1c</sup> *Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).*

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Sabiex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni, **il-Kummissjoni** u l-organizzaturi **għandhom ikunu** jistgħu jiġbru, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, l-indirizzi **tal-posta elettronika ta' firmatarji** għall-fini ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar inizjattiva, b'mod partikolari għall-iskop li jipprovdu informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li **għandhom** jittieħdu b'rispons għal inizjattiva. **Il-ġabra** ta' indirizzi **tal-posta elettronika għandha** tkun fakultattiva u suġġetta għall-kunsens **ta' firmatarji**. L-indirizzi **tal-posta elettronika m'għandhomx jinġabru** bħala parti mill-formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u l-firmatarji potenzjali **għandhom ikunu** infurmati li d-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva mhuwiex **suġġett għall-fatt** li **jagħtu l-kunsens** tagħhom **biex jiġbru** l-indirizz **tal-email**.

#### *Emenda*

(29) Sabiex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-parteċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni, **jenħtieġ li l-Kummissjoni** u l-organizzaturi **jkunu** jistgħu jiġbru, f'konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, l-indirizzi **elettroniċi tal-firmatarji** għall-fini ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni dwar inizjattiva, b'mod partikolari għall-iskop li jipprovdu informazzjoni dwar l-azzjonijiet ta' segwitu li jittieħdu b'rispons għal inizjattiva. **Jenħtieġ li l-ġabra** ta' indirizzi **elettroniċi** tkun fakultattiva u suġġetta għall-kunsens **espliċitu tal-firmatarji li jenħtieġ li jingħata liberament, ikun speċifiku, infurmat u mhux ambigwu skont l-Artikolu 7 tar-Regolament 2016/679. Jenħtieġ li** l-indirizzi **elettroniċi ma jinġabru**x bħala parti mill-formoli ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u **jenħtieġ li** l-firmatarji potenzjali **jkunu** infurmati li d-dritt tagħhom li jappoġġaw inizjattiva mhuwiex **kundizzjonali għall-għoti tal-kunsens tagħhom biex jiġbru l-indirizzi elettroniċi tagħhom. Jenħtieġ li l-firmatarji jkunu jistgħu jirtiraw il-kunsens espliċitu**

*tagħhom għall-ġbir tal-indirizzi elettroniċi tagħhom fi kwalunkwe ħin qabel u wara li l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej tkun ingħalqet, u f'dan il-każ il-Kummissjoni u l-organizzaturi tal-IĊE jenħtieġ li jħassru minnufih l-indirizz elektroniku mill-bażi tad-data tagħhom u jwaqqfu l-komunikazzjoni mal-firmatarji.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

#### **Emenda 26**

#### **Proposta għal regolament Premessa 29a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(29a) Sabiex jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-parteciġazzjoni attiva u ugwali taċ-ċittadini kollha fil-ħajja politika tal-Unjoni, il-Kummissjoni u l-organizzaturi jenħtieġ li jiżguraw li l-paġni web u l-applikazzjonijiet mobbli tagħhom ikunu aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà. Għalkemm id-Direttiva (UE) 2016/2102 ma tapplikax għas-siti web u għall-applikazzjonijiet mobbli tal-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, għall-finijiet tas-sistema ċentrali ta' ġbir onlajn, ir-reġistru onlajn, jew il-pjattaforma kollaborattiva onlajn u kwalunkwe paġna web relatata mal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej li l-Kummissjoni u l-organizzaturi huma responsabbli għalihom jenħtieġ li jkunu aċċessibbli b'mod ekwivalenti għar-rekwiżiti tad-Direttiva (UE) 2016/2102. B'mod partikolari, il-Kummissjoni hija mħeġġa tikkonforma mal-istandards armonizzati Ewropej rilevanti, li jipprovdu konformità mar-rekwiżiti ta' perċezzjoni, komprensibbiltà, operabbiltà u robustezza. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura konformità mal-Konvezjoni tan-*

*Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UN CRPD), speċjalment l-Artikoli 9 u 21, sabiex trawwem l-aċċess għall-informazzjoni ta' persuni b'diżabbiltà intellettuali; jenħtieġ li jiġu pprovduti alternattivi b'lingwa faċli li tingara sa fejn huwa l-aktar possibbli u b'mod proporzjonat.*

### *Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex tirrifletti aħjar il-bqija tat-test u l-bidliet fl-Artikoli.*

#### **Emenda 27**

##### **Proposta għal regolament Premessa 32**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Dan ir-Regolament iħares id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ***b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 19.***

###### *Emenda*

(32) Dan ir-Regolament iħares id-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

#### **Emenda 28**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 1a (ġdid)**

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

###### **Artikolu 1a**

###### ***Kamp ta' applikazzjoni***

***Inizjattiva taċ-ċittadini tista' tikkonċerna proposta għal att legali ġdid mill-Kummissjoni, jew l-abrogazzjoni jew ir-reviżjoni ta' kwalunkwe att legali eżistenti jew previst tal-Unjoni għall-finijiet ta' implimentazzjoni tat-Trattati;***

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kull ċittadin tal-Unjoni li jkollu tal-anqas 16-il sena għandu d-dritt li jappoġġja inizjattiva billi jiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

*Emenda*

Kull ċittadin tal-Unjoni li jkollu tal-anqas 16-il sena ***fiż-żmien meta jesprimi l-appoġġ tiegħu***, għandu d-dritt li jappoġġja inizjattiva billi jiffirma dikjarazzjoni ta' appoġġ ("***il-firmatarju***"), f'konformità ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Iċ-ċittadini residenti fi Stati Membri differenti minn dawk taċ-ċittadinanza tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jappoġġjaw inizjattiva jew fil-pajjiż ta' residenza tagħhom jew fil-pajjiż ta' orijini tagħhom.***

## Emenda 31

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa sabiex ikun aktar faċli li persuni b'diżabbiltà jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jappoġġjaw inizjattiva taċ-ċittadini.***

## Emenda 32

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) f'tal-anqas kwart tal-Istati Membri, in-numru ta' firmatarji huwa tal-inqas daqs in-numru minimu stabbilit fl-Anness I, li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat **b'750**, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.

*Emenda*

(b) f'tal-anqas kwart tal-Istati Membri, in-numru ta' firmatarji huwa tal-inqas daqs in-numru minimu stabbilit fl-Anness I, li jikkorrispondi għan-numru ta' Membri tal-Parlament Ewropew eletti f'kull Stat Membru, multiplikat **bin-numru totali ta' Membri tal-Parlament Ewropew**, fil-mument tar-reġistrazzjoni tal-inizjattiva.  
*(Aġġornat l-Anness I kif xieraq).*

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1a firmatarju għandu **jitqies** fl-Istat Membru taç-ċittadinanza tiegħu.

*Emenda*

2. Għall-iskop tal-paragrafu 1a firmatarju għandu **jingħadd** fl-Istat Membru taç-ċittadinanza tiegħu **irrispettivament mill-post fejn il-firmatarju jkun iffirma d-dikjarazzjoni ta' appoġġ**.

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda hija meħtieġa biex jiġi ċċarat li ç-ċittadini tal-UE għandhom ikunu jistgħu jiffirmaw inizjattiva taç-ċittadini Ewropej irrispettivament mill-post tar-residenza tagħhom.*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Informazzjoni u assistenza mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri

*Emenda*

Informazzjoni u assistenza mill-Kummissjoni, **minn istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni** u mill-Istati Membri



## *Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' referenza għall-Parlament u għall-KESE f'dan l-artikolu tirrikjedi l-aġġornament tat-titolu*

### **Emenda 35**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tipprovdi informazzjoni u assistenza dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej liċ-ċittadini u ***l-gruppi*** tal-organizzaturi.

##### *Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tipprovdi informazzjoni u assistenza ***faċilment aċċessibbli u orjentati lejn l-utent*** dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej liċ-ċittadini u ***lill-gruppi*** tal-organizzaturi, ***inkluża assistenza dwar il-bażi ġuridika xierqa għal inizjattiva skont id-dritt tal-Unjoni, kif ukoll gwida legali, materjali u teknika oħra li tiffaċilita r-reġistrazzjoni li tirnexxi ta' inizjattiva. Tali assistenza għandha tingħata mingħajr ħlas, u f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct u ċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct kif rilevanti.***

## *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Opinjoni tal-Kumitat PETI dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (PETI\_AD(2017)606197) (PE 606.197v03-00), paragrafu 17. Ara d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha OI/9/2013/TN rigward il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-paragrafi 10-11.*

### **Emenda 36**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli fuq l-internet pjattaforma

##### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli fuq l-internet pjattaforma

kollaborattiva li tipprovdi *liċ-ċittadini* u l-gruppi ta' organizzaturi *b'forum* għad-diskussjoni u informazzjoni u *pariri* dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

kollaborattiva li tipprovdi *għaċ-ċittadini* u l-gruppi ta' organizzaturi *forum* għad-diskussjoni u *servizzi ta'* informazzjoni u *konsulenza* dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. *Il-Kummissjoni għandha tikkomunika b'mod regolari mal-organizzaturi tal-IĊE permezz tal-pjattaforma kollaborattiva. Is-servizzi ta' konsulenza kollha għandhom ikunu disponibbli f'formati aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà, fi żmien debit u mingħajr ħlas.*

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha toħroġ gwida tal-utent sabiex tiffaċilita l-fehim tal-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.*

#### *Ġustifikazzjoni*

*Gwida tal-utent bħal din hija meħtieġa biex tinforma u tagħti t-tweġibiet bażiċi lill-promoturi tal-IĊE. Din għandha tinħareġ malajr sabiex thegħgeġ approprjazzjoni f'waqtha tar-Regolament il-ġdid dwar l-IĊE u tippermetti valutazzjoni sostantiva f'konformità mal-Artikolu 24.*

### Emenda 38

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli reġistru onlajn (ir-"reġistru") li jippermetti gruppi ta' organizzaturi jimmaniġġjaw l-inizjattiva tagħhom matul il-proċedura. Ir-reġistru għandu jinkludi

3. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli reġistru onlajn (ir-"reġistru") li jippermetti gruppi ta' organizzaturi jimmaniġġjaw l-inizjattiva tagħhom matul il-proċedura. Ir-reġistru għandu jinkludi

websajt pubblika li tipprovdi informazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali kif ukoll dwar inizjattivi speċifiċi u l-istatus rispettiv tagħhom.

websajt pubblika li tipprovdi informazzjoni dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej b'mod ġenerali **inkluż dwar is-sorsi finanzjarji u ta' finanzjament tal-IĊE** kif ukoll dwar inizjattivi speċifiċi u l-istatus rispettiv tagħhom.

## Emenda 39

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Wara li l-Kummissjoni **tirreġistra** inizjattiva skont l-Artikolu 6, din għandha tipprovdi **traduzzjoni** tal-kontenut ta' dik l-inizjattiva fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, għall-pubblikazzjoni tagħha fir-reġistru u l-użu tagħha għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'konformità ma' dan ir-Regolament. Grupp ta' organizzaturi jista', barra minn hekk, **jipprovdi traduzzjonijiet** fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni **tal-Anness** għall-pubblikazzjoni tiegħu fir-reġistru u, jekk ikun il-każ, tal-abbozz ta' att legali msemmi fl-Anness II u ppreżentat skont l-Artikolu 6(2).

#### *Emenda*

4. Wara li l-Kummissjoni **tkun irreġistrat** inizjattiva skont l-Artikolu 6, din għandha tipprovdi **t-traduzzjoni** tal-kontenut ta' dik l-inizjattiva fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, għall-pubblikazzjoni tagħha fir-reġistru u l-użu tagħha għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ f'konformità ma' dan ir-Regolament. Grupp ta' organizzaturi jista', barra minn hekk, **jitlob lill-Kummissjoni tittraduċi** fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni **l-Anness** għall-pubblikazzjoni tiegħu fir-reġistru u, jekk ikun il-każ, tal-abbozz ta' att legali msemmi fl-Anness II u ppreżentat skont l-Artikolu 6(2). **Jekk Anness jew dikjarazzjoni ta' spjegazzjoni jkollhom inqas minn 5 000 karattru (medja aġġustata għal kull lingwa), il-grupp ta' organizzaturi jista' jitlob ukoll lill-Kummissjoni tittraduċi l-Anness bla ħlas fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni.**

## Emenda 40

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 5a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**5a. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jkun intitolat joffri pariri istituzzjonali u faċilitazzjoni lill-**

*grupp ta' organizzaturi, kif jara l-aktar xieraq biex iżid is-sensibilizzazzjoni dwar l-inizjattivi, filwaqt li jirrispetta l-mandat tiegħu u jżomm rwol newtrali.*

*Għandu jkun intitolat jorganizza seduta ta' smigħ waħda jew aktar fil-bini tiegħu, mir-reġistrazzjoni ta' inizjattiva u tul il-fażi ta' ġbir tal-firem, u jistieden lill-grupp ta' organizzaturi jippreżentaw l-inizjattivi tagħhom. Jistgħu jiġu mistiedna wkoll esperti indipendenti rilevanti.*

*Għandu jkun intitolat jikkontribwixxi wkoll għall-promozzjoni tal-inizjattiva taċ-ċittadini b'mod ġenerali bħala għodda li trawwem il-parteciġazzjoni demokratika fl-Unjoni.*

## Emenda 41

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

6. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punt ta' kuntatt wieħed jew aktar sabiex jipprovdu informazzjoni u assistenza lill-gruppi ta' organizzaturi *fit-twaqqif* ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

#### *Emenda*

6. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi punt ta' kuntatt *diġitali u fiżiku* wieħed jew aktar sabiex jipprovdu informazzjoni u assistenza lill-gruppi ta' organizzaturi *fl-istabbiliment* ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. *Tali assistenza għandha tingħata mingħajr ħlas għaċ-ċittadini, f'kollaborazzjoni maċ-Ċentru ta' Kuntatt Europe Direct, iċ-Ċentri ta' Informazzjoni Europe Direct, l-Uffiċċji tal-Informazzjoni tal-Parlament Ewropew u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropea kollha, kif ikun rilevanti. L-assistenza għandha tinkludi pariri legali, tekniċi u organizzattivi dwar it-tħejjija ta' inizjattiva għar-reġistrazzjoni kif ukoll il-faċilitazzjoni fil-komunikazzjoni mal-Kummissjoni. L-assistenza għandha tkun disponibbli f'formati aċċessibbli għall-persuni*

*b'diżabbiltà, mingħajr ħlas.*

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rapporteur tal-Kumitat PETI huwa tal-fehma li r-Regolament għandu jiċċara l-obbligu tal-Istati Membri li jipprovdu punti ta' kuntatt fiżiku offlajn għal dawk li jappoġġjaw l-IĊE u għal dawk li jikkampanjaw għall-IĊE.*

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-grupp ta' organizzaturi jista' jkun irreġistrat bħala entità legali, jiġifieri organizzazzjoni b'personalità ġuridika f'wieħed mill-Istati Membri skont il-liġi nazzjonali.**

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jaħtar tnejn mill-Membri tiegħu bħala, rispettivament, rappreżentant u sostitut, li għandhom jikkollaboraw bejniethom u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċess kollu u li għandu jkollhom mandat biex jaġixxu fisem il-grupp ta' organizzaturi (il-"persuni ta' kuntatt").

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jaħtar **jew jeleġġi** tnejn mill-Membri tiegħu bħala, rispettivament, rappreżentant u sostitut, li għandhom jikkollaboraw bejniethom u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċess kollu u li għandu jkollhom mandat biex jaġixxu fisem il-grupp ta' organizzaturi (il-"persuni ta' kuntatt").

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-grupp ta' organizzaturi jista' wkoll jinnomina massimu ta' **żewġ** persuni fiżiċi oħra, magħżula minn fost il-membri tiegħu

Il-grupp ta' organizzaturi jista' wkoll jinnomina massimu ta' **tlit** persuni fiżiċi oħra, magħżula minn fost il-membri tiegħu

jew b'xi mod ieħor, li huma awtorizzati biex jaġixxu f'isem persuni ta' kuntatt għall-finijiet ta' kuntatt mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha.

jew b'xi mod ieħor, li huma awtorizzati biex jaġixxu f'isem persuni ta' kuntatt għall-finijiet ta' kuntatt mal-istituzzjonijiet tal-Unjoni matul il-proċedura kollha.

### *Ġustifikazzjoni*

*Huwa xieraq li jiġu awtorizzati massimu ta' tliet sostituti biex jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar ta' IĊE. Aktar minn hekk jistgħu jkunu diffiċilment immaniġġjati mill-Kummissjoni u jibdlu l-kontinwità ta' IĊE u l-komunikazzjoni meħtieġa bejn l-organizzaturi u l-Kummissjoni.*

## **Emenda 45**

### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' rappreżentant ta' grupp ta' organizzaturi bħala l-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 82(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-membri ta' grupp ta' organizzaturi għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt ***u in solidum***, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għal kwalunkwe ħsara kkawżata matul l-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja.

#### *Emenda*

5. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà ta' rappreżentant ta' grupp ta' organizzaturi bħala l-kontrollur tad-data skont it-tifsira tal-Artikolu 82(2) tar-Regolament (UE) 2016/679, il-membri ta' grupp ta' organizzaturi ***jew, jekk applikabbli, l-entità legali maħluqa minnhom***, għandhom ikunu responsabbli b'mod konġunt, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għal kwalunkwe ħsara kkawżata matul l-organizzazzjoni ta' inizjattiva minn atti illegali mwettqa b'mod intenzjonali jew b'negliġenza serja.

## **Emenda 46**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva jistgħu jinġabru biss wara li l-inizjattiva tkun ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni.

#### *Emenda*

1. Id-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ għal inizjattiva jistgħu jinġabru biss wara li l-inizjattiva tkun ġiet irreġistrata mill-Kummissjoni ***u fejn rilevanti wara li l-Istati Membri jkunu vverifikaw il-konformità tas-sistemi ta' ġbir individwali onlajn stabbiliti mill-grupp ta'***

*organizzaturi skont ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.*

#### **Emenda 47**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Unità speċjalizzata fi ħdan il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-ammissibbiltà tal-inizjattiva taċ-ċittadini ppreżentata, esklużivament fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3.**

**Din l-unità speċjalizzata għandha twettaq il-kontroll tal-konformità legali b'mod indipendenti minn kunsiderazzjonijiet politiċi u tagħmel kompletament aċċessibbli għall-pubbliku il-kunsiderazzjonijiet li wasslu għad-deċiżjonijiet tagħha.**

#### **Emenda 48**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(e) ma tkunx manifestament kuntrarja għall-valuri tal-Unjoni kif stipulat fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea **u għad-drittijiet stabbiliti fil-Karta Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali.**

#### **Emenda 49**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

F'dak il-każ, il-grupp ta' organizzaturi jista' jew jemenda l-inizjattiva biex iqis il-

F'dak il-każ, il-grupp ta' organizzaturi jista' jew jemenda l-inizjattiva biex iqis il-

valutazzjoni tal-Kummissjoni biex jiżgura li l-inizjattiva tkun konformi mar-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 3(c) jew iżomm jew jirtira l-inizjattiva inizjali. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-għażla tiegħu fi żmien **xahar** mill-wasla **tal-evalwazzjoni** tal-Kummissjoni u jagħti r-raġunijiet tiegħu, u għandu, jekk ikun il-każ, jibgħat emendi fl-informazzjoni msemmija fl-Anness II biex jissostitwixxi l-ewwel inizjattiva.

valutazzjoni tal-Kummissjoni biex jiżgura li l-inizjattiva tkun konformi mar-rekwiżit stipulat fil-paragrafu 3(c) jew iżomm jew jirtira l-inizjattiva inizjali. Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni bl-għażla tiegħu fi żmien **xahrejn** mill-wasla **tal-valutazzjoni** tal-Kummissjoni u jagħti r-raġunijiet tiegħu, u għandu, jekk ikun il-każ, jibgħat emendi fl-informazzjoni msemmija fl-Anness II biex jissostitwixxi l-ewwel inizjattiva.

## Emenda 50

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 4 – subparagrafu 3 – punt b

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tirreġistra parzjalment l-inizjattiva jekk parti **sostanzjali** tal-inizjattiva, inklużi l-għanijiet ewlenin tagħha, ma tkunx taqa' manifestament barra **mill-ambitu** tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;

##### *Emenda*

(b) tirreġistra parzjalment l-inizjattiva jekk parti tal-inizjattiva, inklużi l-għanijiet ewlenin tagħha, ma tkunx taqa' manifestament barra **mill-qafas** tas-setgħat tal-Kummissjoni li tressaq proposta għal att legali tal-Unjoni għall-għan ta' implimentazzjoni tat-Trattati;

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

Inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru.

##### *Emenda*

***Kwalunkwe inizjattiva li tkun ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni għar-reġistrazzjoni, inkluża kull*** inizjattiva taċ-ċittadini proposta li tkun ġiet reġistrata għandha ssir pubblika fir-reġistru ***u fuq is-sit web tal-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej.***

## Emenda 52

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 6



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

6. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizzjattiva taħt numru ta' reġistrazzjoni uniku u tgħarraf lill-grupp ta' organizzaturi biha.

6. Il-Kummissjoni għandha tirreġistra inizzjattiva taħt **deċiżjoni ta' reġistrazzjoni unika u** numru ta' reġistrazzjoni uniku u tgħarraf lill-grupp ta' organizzaturi biha.

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 7**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

7. **Fejn** tirrifjuta li tirreġistra inizzjattiva **taċ-ċittadini proposta**, il-Kummissjoni għandha tinforma **lill-organizzaturi bir-raġunijiet għal dan ir-rifjut u** bir-rimedji **ġuridiċi u extraġuridiċi** kollha possibbli disponibbli għalihom.

7. **Meta** tirrifjuta li tirreġistra **jew tirreġistra parzjalment biss** inizzjattiva **skont il-paragrafu 4**, il-Kummissjoni għandha tinforma **kif dovut lill-grupp ta' organizzaturi bir-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha** bir-rimedji **ġudizzjarji u extraġudizzjarji** kollha possibbli disponibbli għalihom. **Id-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' reġistrazzjoni jew reġistrazzjoni parzjali ta' inizzjattiva għandhom jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-inizzjattiva taċ-ċittadini Ewropej u għandhom iniżżlu fid-dettall u jiġġustifikaw ir-raġunament tal-Kummissjoni għal tali rifjut, filwaqt li jindikaw il-bażijiet ġuridiċi invokati u jippermettu lill-organizzaturi tal-IĊE jikkontestawhom.**

*Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Opinjoni tal-Kumitat PETI dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizzjattiva taċ-ċittadini (PETI\_AD(2017)606197) (PE 606.197v03-00), paragrafu 10. Ara l-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizzjattiva proprja tagħha OI/9/2013/TN rigward il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-paragrafi 14-16 dwar l-iskrutinju pubbliku tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni.*

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. Meta l-organizzaturi jkunu infurmati dwar rifjut, sħiħ jew parzjali, ta' reġistrazzjoni jistgħu jemendaw l-inizjattiva tagħhom u jissottomettuha mill-ġdid lill-Kummissjoni fi żmien xahar. Id-deċiżjonijiet magħmula mill-organizzaturi dwar ir-reġistrazzjoni tal-ICE tagħhom għandhom ikunu magħmula disponibbli wkoll fir-reġistru u fuq is-sit web tal-Inizjattiva ta' Ċittadini Ewropej.**

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. **Komunikazzjoni mill-Kummissjoni** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni '**Lejn l-interoperabbiltà għas-servizzi pubbliċi Ewropej**'

*Emenda*

8. **Il-Kummissjoni għandha tinforma b'mod ċar, eżawrjenti u dettaljat** lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni **u lill-parlamenti nazzjonali dwar ir-reġistrazzjoni ta' inizjattiva.**

## **Emenda 56**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Kull dikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tinġabar fi żmien perjodu li ma jaqbiżx it-**12**-il xahar minn data magħżula mill-grupp tal-organizzaturi (il-"perjodu ta' ġbir"), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(6). Dik id-data m'għandhiex tkun aktar tard minn tliet xhur wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 6.

*Emenda*

Kull dikjarazzjoni ta' appoġġ għandha tinġabar fi żmien perjodu li ma jaqbiżx it-**18**-il xahar minn data magħżula mill-grupp tal-organizzaturi (il-"perjodu ta' ġbir"), mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 11(6). Dik id-data m'għandhiex tkun aktar tard minn tliet xhur wara r-reġistrazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 6.

## **Emenda 57**

### **Proposta għal regolament**

## Artikolu 8 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fejn il-grupp ta' organizzaturi jixtieq itemm il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ qabel *it-tmiem tal-perjodu* ta' 12-il xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-data li fiha se jispiċċa l-perjodu tal-ġbir.

*Emenda*

Fejn il-grupp ta' organizzaturi **jkun** jixtieq itemm il-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ qabel *tmiem il-perjodu* ta' 18-il xahar wara l-bidu tal-perjodu ta' ġbir, huwa għandu jinforma lill-Kummissjoni bid-data li fiha se jispiċċa l-perjodu tal-ġbir.

**(Din l-emenda tapplika għat-test kollu.)**

## Emenda 58

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 8 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. Il-grupp ta' organizzaturi, jew, jekk applikabbli, l-entità legali maħluqa minnhom skont l-Artikolu 5(2a) u (7) ta' dan ir-Regolament, għandu jkun responsabbli għall-ġbir tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ mill-firmatarji għal inizjattiva taç-çittadini proposta li ġiet irreġistrata skont l-Artikolu 6.**

## Emenda 59

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jadottaw id-dispożizzjonijiet kollha meħtieġa biex iç-çittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru minbarra dak taç-çittadinanza tagħhom għandu jkollhom il-possibbiltà li jagħżlu jekk l-appoġġ tagħhom għal inizjattiva jingħaddx fil-pajjiż ta' residenza tagħhom jew fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. L-awtoritajiet kompetenti mid-diversi Stati Membri għandhom jikkoordinaw sabiex**

*jiżguraw allokazżjoni xierqa tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ fil-kontijiet rispettivi tagħhom.*

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 7 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'kull Stat Membru mill-anqas kull *xahrejn* matul il-perjodu ta' ġbir u tal-għadd finali fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu ta' ġbir għall-pubblikazzjoni fir-reġistru.

*Emenda*

Il-grupp ta' organizzaturi għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar l-għadd ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ miġbura f'kull Stat Membru mill-anqas kull *tliet xhur* matul il-perjodu ta' ġbir u tal-għadd finali fi żmien tliet xhur minn tmiem il-perjodu ta' ġbir għall-pubblikazzjoni fir-reġistru. *Il-Kummissjoni għandha tikkomunika regolarment mal-organizzaturi tal-ICE matul il-kampanja u warajha.*

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-iskop tal-ġbir onlajn ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u topera, sal-1 ta' Jannar 2020, sistema ċentrali ta' ġbir onlajn, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017.

*Emenda*

Għall-iskop tal-ġbir onlajn ta' dikjarazzjonijiet ta' appoġġ, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u topera, sal-1 ta' Jannar 2020, sistema ċentrali ta' ġbir onlajn, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2017/46 tal-10 ta' Jannar 2017. *L-użu ta' din is-sistema għandu jkun fuq bażi volontarja u bla ħlas għall-organizzaturi kollha.*

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

Is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għandha tkun aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

*Emenda*

Is-sistema ta' ġbir onlajn ċentrali għandha tkun ***b'sors miftuħ u għandha tkun*** aċċessibbli għall-persuni b'diżabbiltà.

**Emenda 63**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. Il-grupp ta' organizzaturi li juża sistemi oħrajn ta' ġbir onlajn iċċertifikati xorta waħda għandu jkollu l-possibbiltà li juża s-servers imħaddma mill-Kummissjoni bla ħlas.***

***Meta d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ jinġabru onlajn, id-data miksuba permezz tas-sistema ta' ġbir onlajn għandha tinħażen fit-territorju tal-Unjoni Ewropea.***

**Emenda 64**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-grupp tal-organizzaturi għandu jissottometti d-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti biss meta l-għadd minimu ta' firmatarji stabbiliti fl-Artikolu 3 jintlaħaq minn din l-inizjattiva.***

***imħassar***

*Ġustifikazzjoni*

*L-emenda tmur lil hinn mill-għan ewlieni tal-proposta li tissimplifika r-regoli attwali u toħloq ostakoli inġustifikati għall-organizzaturi ta' IĊE.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament**

## Artikolu 14 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Pubblikazzjoni u smiġh pubbliku

*Emenda*

Pubblikazzjoni u *seduti ta'* smiġh pubbliku

## Emenda 66

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva valida li għaliha nġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ġew iċċertifikati skont l-Artikoli 8 sa 12, din għandha tippubblika minnufih avviż għal dak l-għan fir-reġistru u tittrażmetti l-inizjattiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew **u** lill-Kumitat tar-Regġuni.

*Emenda*

1. Meta l-Kummissjoni tirċievi inizjattiva valida li għaliha **jkunu** nġabru dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u ġew iċċertifikati skont l-Artikoli 8 sa 12, din għandha tippubblika minnufih avviż għal dak l-għan fir-reġistru u tittrażmetti l-inizjattiva lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, lill-Kumitat tar-Regġuni, **kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali**.

## Emenda 67

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Fi żmien tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva, il-grupp **ta' organizzaturi** għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-inizjattiva waqt smiġh pubbliku.

*Emenda*

Fi żmien tliet xhur wara l-preżentazzjoni tal-inizjattiva, il-grupp **tal-organizzaturi** għandu jingħata l-opportunità li jippreżenta l-inizjattiva waqt **seduta ta'** smiġh pubbliku **fil-Parlament Ewropew, fl-interess li jiġi ġġenerat dibattitu pubbliku fl-Unjoni kollha dwar l-inizjattiva proposta, li jkun jinkludi d-diversità tal-partijiet ikkonċernati**.

## *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Opinjoni tal-Kumitat PETI dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar*

*l-inizjattiva taċ-ċittadini (PETI\_AD(2017)606197) (PE 606.197v03-00), paragrafu 19. Ara d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha OI/9/2013/TN rigward il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-paragrafi 17-22.*

## **Emenda 68**

### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jorganizzaw is-smiġh*** pubbliku ***fil-Parlament Ewropew***. Rappreżentanti ***tal-istituzzjonijiet l-oħra*** u l-korpi konsultattivi tal-Unjoni, ***kif ukoll partijiet interessati***, għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem fis-smiġh.

*Emenda*

***Il-Parlament Ewropew għandu jorganizza s-seduti ta' smiġh*** pubbliku ***fil-bini tiegħu***. Rappreżentanti ***tal-Kummissjoni u tal-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni, kif ukoll tal-istituzzjonijiet*** u l-korpi konsultattivi tal-Unjoni ***l-oħra, rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, is-sħab soċjali u l-partijiet ikkonċernati oħra, inklużi l-parlamenti nazzjonali***, għandhom jingħataw l-opportunità li jieħdu sehem ***fis-seduti ta' smiġh***. ***Is-seduta ta' smiġh pubbliku għandha tixxandar fuq l-internet u wara dan tkun magħmula disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tal-IĊE***. Wara ***s-seduta ta' smiġh, il-Parlament Ewropew għandu jorganizza dibattitu plenarju dwar l-inizjattiva u jiddeċiedi jekk jadottax mozzjoni għal riżoluzzjoni***.

***Fi żmien 12-il xahar mill-ħruġ tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 15(2), l-organizzaturi tal-IĊE għandhom ikunu intitolati li jitolbu t-tieni seduta ta' smiġh pubbliku fil-Parlament Ewropew. Il-Parlament Ewropew għandu jorganizza t-tieni seduta ta' smiġh pubbliku fi żmien tliet xhur mit-tressiq tat-talba.***

### *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Opinjoni tal-Kumitat PETI dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (PETI\_AD(2017)606197) (PE 606.197v03-00), paragrafu 19. Ara d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha*

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Is-seduta ta' smigħ għandu jkollha l-għan li tfittex l-interess pubbliku. L-għan esklużiv tas-seduta ta' smigħ għandu jkun li tinforma b'mod eżawrjenti dwar il-kontenut u l-għanijiet ta' inizjattiva.*

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*L-iskop ewlieni tas-seduta ta' smigħ għandu jkun li jipprovdi għall-grupp ta' organizzaturi forum li fih jippreżenta l-inizjattiva tagħhom b'espōżizzjoni dettaljata tal-għan tagħha u li jiġu suġġeriti miri leġiżlattivi.*

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiżguraw rappreżentazzjoni bilanċjata tal-interessi pubbliċi u privati rilevanti.*

*Il-Parlament Ewropew għandu jiżgura rappreżentanza bbilanċjata tal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-interessi pubbliċi u privati, kif ukoll ir-rappreżentanza tal-istituzzjonijiet u l-korpi ta' konsulenza tal-Unjoni, sabiex jiġi eżegwut u dibattitu pubbliku inklużiv dwar l-inizjattiva proposta.*



## *Ġustifikazzjoni*

*Ara l-Opinjoni tal-Kumitat PETI dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (UE) Nru 211/2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (PETI\_AD(2017)606197) (PE 606.197v03-00), paragrafu 19. Ara d-Deċiżjoni tal-Ombudsman Ewropew li tagħlaq l-inkjesta fuq inizjattiva proprja tagħha OI/9/2013/TN rigward il-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari l-paragrafi 17-22.*

### **Emenda 72**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni ***għandha tkun rappreżentata fis-seduta*** flivell xieraq.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni ***u l-Kunsill għandhom ikunu rappreżentati fis-seduti*** flivell xieraq.  
***Il-preżenza ta' mill-inqas membru wieħed tal-Kulleġġ tal-Kummissarji għandha tiġi żgurata waqt is-seduti ta' smigħ.***

### **Emenda 73**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3a. ***Il-Kummissjoni għandha tkun jirresponsabbli għall-irregolaritajiet ta' kumpaniji li jkunu għad li ma jissodisfawx il-miljun firma, iżda madankollu jirċievu appoġġ sinifikanti miċ-ċittadini.***

*Emenda*

3a. ***Il-Parlament Ewropew jista' wkoll jiżviluppa forom xierqa ta' rispons għal dawk l-inizjattivi taċ-ċittadini, li jkunu għad li ma jissodisfawx il-miljun firma, iżda madankollu jirċievu appoġġ sinifikanti miċ-ċittadini.***

### **Emenda 74**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3b. ***Il-parlamenti nazzjonali u reġjonali jistgħu jorganizzaw ukoll seduti ta' smigħ dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini,***

*Emenda*

3b. ***Il-parlamenti nazzjonali u reġjonali jistgħu jorganizzaw ukoll seduti ta' smigħ dwar l-inizjattivi taċ-ċittadini,***

*fejn jistiednu kif xieraq lill-organizzaturi, b'enfasi partikolari fuq l-Istati Membri meta inizjattiva ta' suċċess tkun laħqet il-livell limitu minimu tal-firem.*

### *Ġustifikazzjoni*

*L-involviment tal-parlamenti nazzjonali fid-dibattitu fuq inizjattiva taċ-ċittadini huwa mod effettiv kif id-dibattitu politiku tal-Unjoni jitressaq eqreb lejn iċ-ċittadini. Id-dibattiti fil-parlamenti nazzjonali u reġjonali jistgħu jkunu utli min-naħa tagħhom għal dibattiti sussegwenti fil-Parlament Ewropew, jew għall-Kummissjoni nfisha.*

## **Emenda 75**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Fi żmien xahar mis-sottomissjoni ***tal-inizjattiva***, il-Kummissjoni għandha tirċievi lill-grupp ta' organizzaturi f'livell xieraq biex tippermettilhom jispjegaw fid-dettall il-kwistjonijiet imqajma mill-inizjattiva.

#### *Emenda*

1. Fi żmien xahar mis-sottomissjoni ***ta' inizjattiva valida li għaliha jkunu nġabru u ġew iċċertifikati dikjarazzjonijiet ta' appoġġ skont l-Artikoli 8 sa 12***, il-Kummissjoni għandha tirċievi lill-grupp ta' organizzaturi f'livell xieraq biex tippermettilhom jispjegaw fid-dettall il-kwistjonijiet imqajma mill-inizjattiva.

## **Emenda 76**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Fi żmien ħames xhur wara l-pubblikazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 14(1), u wara s-smiġġ pubbliku msemmi fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet finali legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li biħsiebha tiegħu, jekk se tiegħu azzjoni, u r-raġunijiet għalfejn se tiegħu jew mhux se

#### *Emenda*

Fi żmien ħames xhur wara l-pubblikazzjoni tal-inizjattiva skont l-Artikolu 14(1), u wara ***s-seduta ta'*** smiġġ pubbliku msemmi fl-Artikolu 14(2), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi f'komunikazzjoni l-konklużjonijiet finali legali u politiċi tagħha dwar l-inizjattiva, l-azzjoni li tkun biħsiebha tiegħu, jekk tkun se tiegħu azzjoni, u r-raġunijiet għalfejn tkun se tiegħu jew ma

tieħu dik l-azzjoni.

tkunx se tieħu dik l-azzjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tagħti raġunijiet dettaljati u ċari u ġustifikazzjoni sħiħa għal deċiżjoni li ma tiħux azzjoni li tispjega l-konklużjonijiet tagħha lill-pubbliku b'mod dettaljat u trasparenti skont il-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba.***

## **Emenda 77**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***2a. Meta l-konklużjonijiet fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija fl-Artikolu 15(2) u r-rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew ivarjaw, il-Parlament Ewropew jista' jeżerċita d-dritt mogħti lill-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.***

## **Emenda 78**

### **Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3a. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-organizzaturi aġġornati dwar l-attivitajiet tagħha relatati mal-inizjattiva u dwar l-evoluzzjoni tal-inizjattiva wara li l-Kummissjoni tkun tat id-deċiżjoni tagħha.***

## **Emenda 79**

### **Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Il-grupp ta' organizzaturi **għandhom jipprovdu**, għall-pubblikazzjoni fir-reġistru, kif jista' jkun il-każ fuq is-sit web tal-kampanja, informazzjoni dwar is-sorsi ta' appoġġ u finanzjament għall-inizjattiva li jaqbuż l-EUR **500** għal kull sponser.

Il-grupp ta' organizzaturi **għandu jipprovdi**, għall-pubblikazzjoni fir-reġistru, **u** kif jista' jkun il-każ fuq is-sit web tal-kampanja, informazzjoni dwar is-sorsi ta' appoġġ u finanzjament għall-inizjattiva li jaqbuż l-EUR **100** għal kull sponser.

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a** *Approprijazzjoni annwali fil-Baġit tal-Unjoni għandha tkun allokata sabiex tappoġġja l-organizzazzjoni tal-inizjattivi taċ-ċittadini.*

*Grupp stabbilit ta' organizzaturi jista' japplika għall-kopertura finanzjarja ta' spejjeż relatati mal-pariri legali u appoġġ qabel is-sottomissjoni jew wara l-konklużjoni tal-ġbir tal-firem.*

*Il-grupp ta' organizzaturi ta' inizjattivi rreġistrati għandu jkun intitolat għal għotja, immirata li tkopri l-ispejjeż relatati mal-aspetti tal-komunikazzjoni u loġistiċi tal-kampanja ta' ġbir ta' firem tagħhom.*

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b.** *Il-Kummissjoni għandha tiżgura trasparenza sħiħa tal-finanzjament u informazzjoni dwar l-isponsorizzazzjoni permezz ta' kontrolli ta' kwalità u sistema ta' allerti u lmenti biex tiżgura li l-informazzjoni dwar il-finanzjament u l-isponsorizzazzjoni pprovduta mill-organizzaturi tal-IĊE tkun korretta.*

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tqajjem kuxjenza pubblika dwar l-eżistenza tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u kampanji ta' informazzjoni, biex b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni, ***bl-appoġġ tal-Parlament Ewropew u tal-Istituzzjonijiet l-oħra tal-Unjoni, u tal-Istati Membri***, għandha tqajjem kuxjenza pubblika dwar l-eżistenza tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej, permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni u kampanji ta' informazzjoni ***ad hoc, inizjattivi tal-massa u l-użu tal-midja soċjali u diġitali*** biex b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-parteeċipazzjoni attiva taċ-ċittadini fil-ħajja politika tal-Unjoni ***u tippromwovi l-kuxjenza ta' dwar kif iċ-ċittadini jistgħu jinfluwenzaw u jsawru l-Unjoni Ewropea permezz ta' Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej. Il-Kummissjoni tista' tagħti appoġġ finanzjarju lill-entitajiet li jikkontribwixxu għall-promozzjoni ġenerali tal-inizjattiva taċ-ċittadini bħala strument ta' parteċipazzjoni demokratika, jipprovdu appoġġ tekniku bla ħlas u pariri legali lill-organizzaturi.***

## Emenda 83

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Għall-finijiet tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni rigward l-inizjattiva kkonċernata u soġġett għal kunsens minn firmatarju, l-indirizz elettroniku tiegħu jista' jinġabar minn grupp ta' organizzaturi jew mill-Kummissjoni.

*Emenda*

Għall-finijiet tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni u informazzjoni rigward l-inizjattiva kkonċernata u soġġett għal kunsens ***espliċitu*** minn firmatarju, l-indirizz elettroniku tiegħu jista' jinġabar minn grupp ta' organizzaturi jew mill-Kummissjoni.

## Emenda 84

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu -1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*-1. Fl-ipproċessar tad-data personali skont dan ir-Regolament, il-grupp ta' organizzaturi ta' inizjattiva taċ-ċittadini jew, jekk applikabbli, l-entità legali maħluqa minnhom, u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru għandhom jikkonformaw mar-Regolament (UE) 2016/679.*

## Emenda 85

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1a. L-organizzaturi jew, jekk applikabbli, l-entità legali maħluqa minnhom, għandhom jiżguraw li d-data personali miġbura minnhom għal inizjattiva taċ-ċittadini partikolari ma tintuża għal ebda skop ieħor għajr għall-appoġġ indikat tagħhom għal dik l-inizjattiva.*

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Għall-fini tal-Artikolu 11, kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli biex toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 11(3).

1. Għall-fini tal-Artikolu 11, kull Stat Membru għandu jaħtar **mingħajr dewmien** awtorità kompetenti waħda jew aktar responsabbli biex toħroġ iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 11(3).

## Emenda 87

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. **Għall-għan tal-implimentazzjoni** tal-Artikolu 8(12), kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ taċ-ċertifikati previsti fih.

*Emenda*

2. **Għall-fini** tal-Artikolu 12, kull Stat Membru għandu jaħtar **mingħajr dewmien** awtorità kompetenti waħda responsabbli għall-koordinazzjoni tal-proċess ta' verifika tad-dikjarazzjonijiet ta' appoġġ u għall-ħruġ taċ-ċertifikati previsti fih.

**Emenda 88**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 24 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi **perjodikament** il-funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u ttippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn **ħames** snin mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kull **ħames** snin minn hemm 'il quddiem. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

*Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tirrevedi **perjodikament** il-funzjonament tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej u ttippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn **tlit** snin mid-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kull **tlit** snin minn hemm 'il quddiem. Ir-rapporti għandhom isiru pubbliċi.

**Emenda 89**

**Proposta għal regolament**  
**Anness II – punt 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-kontenut tal-inizjattiva li fuqha l-Kummissjoni **hija** mistiedna taġixxi, f'mhux aktar minn **1000** karattru;

*Emenda*

2. Il-kontenut tal-inizjattiva li fuqha l-Kummissjoni **tkun** mistiedna taġixxi, f'mhux aktar minn **1 200** karattru **mingħajr spazji; (medja aġġustata għal kull lingwa);**

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej
<b>Referenzi</b>	COM(2017)0482 – C8-0308/2017 – 2017/0220(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	AFCO 2.10.2017
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	PETI 2.10.2017
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jarosław Wałęsa 22.11.2017
<b>Eżami fil-kumitat</b>	22.1.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.5.2018
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 29 –: 0 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Margrete Auken, Beatriz Becerra Basterrechea, Soledad Cabezón Ruiz, Alberto Cirio, Andrea Cozzolino, Pál Csáky, Rosa Estaràs Ferragut, Takis Hadjigeorgiou, Rikke-Louise Karlsson, Jude Kirton-Darling, Svetoslav Hristov Malinov, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Miroslav Mitrofanovs, Marlene Mizzi, Gabriele Preuß, Virginie Rozière, Jarosław Wałęsa, Cecilia Wikström
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Demetris Papadakis, Josep-Maria Terricabras, Ángela Vallina, Rainer Wieland
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Asim Ademov, Rosa D'Amato, Laura Ferrara, Dimitrios Papadimoulis, Marco Valli, Julie Ward



**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>29</b>	<b>+</b>
ALDE	Beatriz Becerra Basterrechea, Cecilia Wikström
EFDD	Rosa D'Amato, Laura Ferrara, Marco Valli
GUE/NGL	Takis Hadjigeorgiou, Dimitrios Papadimoulis, Ángela Vallina
NI	Rikke-Louise Karlsson
PPE	Asim Ademov, Alberto Cirio, Pál Csáky, Rosa Estaràs Ferragut, Svetoslav Hristov Malinov, Lukas Mandl, Roberta Metsola, Jarosław Wałęsa, Rainer Wieland
S&D	Soledad Cabezón Ruiz, Andrea Cozzolino, Jude Kirton-Darling, Marlene Mizzi, Demetris Papadakis, Gabriele Preuß, Virginie Rozière, Julie Ward
VERTS/ALE	Margrete Auken, Miroslavs Mitrofanovs, Josep-Maria Terricabras

<b>0</b>	<b>-</b>

<b>0</b>	<b>0</b>

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni